**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Awwissu, 2023**

**Mandat Nru: 1209/2023/1 AF**

**Hotel Valentina Limited (C-21495)**

**vs**

**D.G.E. Investments Limited (C-66195)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Hotel Valentina Limited, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet izzomm lil D.G.E. Investments Limited milli twettaq demolizzjoni jew skavar fis-sit biswit il-lukanda tas-socjetà rikorrenti bi ksur tal-A.L. 340/2022, li jipprojbixxi demolizzjoni u skavar f'zoni turistici stabbiliti bejn il-15 ta' Gunju u t-30 ta' Settembru.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta tas-socjetà intimata D.G.E. Investments Limited.

Is-socjetà intimata topponi ghall-hrug tal-mandat ghaliex tistrieh fuq esenzjoni mahruga lilha mill-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni sabiex jitnehha periklu.

Rat id-dokumenti kollha.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fir-rigward.

Ikkunsidrat illi mhuwiex kontestat illi s-sit proprjetà tas-socjetà intimata jaqa' fiz-zona koperta fl-Avviz Legali li jipprojbixxi skavar fil-perjodu tas-sajf.  Lanqas ma huwa kontestat illi l-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni (BCA) ikkoncediet lil D.G.E. Investments Limited esenzjoni sabiex din tkun tista' tesegwixxi "WORKS RELATED TO SHORING ONLY" (enfasi tal-istess BCA).

Is-socjetà intimata tikkontendi li ghad fadal xoghol ta' "shoring" x'jigi esegwit sabiex jitnehha l-periklu kollu. Madanakollu, din il-Qorti tinnota illi l-uniku rapport tekniku pprezentat minnha huwa datat 22 ta' Dicembru 2022.  Wiehed kien jistenna illi kieku tassew ix-xoghol li trid taghmel huwa daqshekk essenzjali, l-periti taghha kienu jipprovdu certifikazzjoni ta' dan.  Is-socjetà rikorrenti, mill-banda l-ohra, pprezentat lil din il-Qorti rapport peritali datat biss tlett ijiem

qabel il-prezentata tal-mandat, liema rapport jikkostata li l-hajt tal-appogg mal-lukanda huwa "stable" u li, sa fejn jolqot l-iskavar li sar s'issa, il-hajt m'ghandux bzonn ta' aktar "shoring".

Il-Qorti tifhem illi ser ikun jehtieg aktar "shoring" meta jigu skavati tlett livelli ohra kif inhu ppjanat li jsir. Madanakollu sabiex jigi evitat il-periklu li nholoq bl-iskavar li sar s'issa, is-"shoring" li sar huwa sufficjenti.

Is-socjetà intimata ssemmi li l-kostruzzjoni tal-lukanda hija nnifisha mankanti. Ghalkemm dan l-argument jesorbita mill-iskop tal-proceduri odjerni, din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li ma jirrizulta lill-Qorti li kien hemm ebda problema qabel ma giet demolita kull struttura adjacenti ghaliha mill-istess socjetà intimata.

Finalment, mir-ritratti esibiti mill-partijiet, il-Qorti tinnota illi ghalkemm ma juru ebda data meta ttiehdu, dawk esibiti mis-socjetà intimata zgur li ttiehdu tlett xhur ilu ghaliex il-haddiema jidhru lebsin hwejjeg shan tax-xitwa. Dak a fol. 68 sahansitra juri n-naha tas-sit li lanqas biss tmiss mal-lukanda tar-rikorrenti, kif *del resto* juri dak prezentat mir-rikorrenti (fol. 85) li juri skavar li qieghed isir f'nahat ohra tas-sit, boghod mill-lukanda.

F'dawn ic-cirkostanzi ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni b'dana illi D.G.E. Investments Limited tibqa' awtorizzata tesegwixxi biss dawk ix-xogholijiet necessarji ghax-"shoring" tal-hajt tal-lukanda Valentina li sar mehtieg wara l-iskavar li sar sal-lum. A skans ta' kull ekwivoku, ma huwa qieghed jigi permess ebda skavar iehor.

L-ispejjez jithallsu minn D.G.E. Investments Limited.

IMHALLEF